



Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7326/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0040(NLE)

MAR 41
OMI 26
ENV 243
CLIMA 99

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-81 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-108 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL), għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx (il-Kodiċi IGF), għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (LSA), għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) u għall-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (STCW)
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-81 sessjoni
tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-108 sessjoni
tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi
għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL),
għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS),
għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew
Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx (il-Kodiċi IGF), għall-Kodiċi Internazzjonali
dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija
bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011),
għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (LSA),
għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) u
għall-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (STCW)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-għan tal-azzjoni tal-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu jkun li tipproteġi l-ambjent tal-baħar u saħħet il-bniedem u li ttejjeb is-sikurezza marittima.
- (2) Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) huwa mistenni li jadotta, matul il-81 sessjoni tiegħu mit-18 ta' Marzu sat-22 ta' Marzu 2024 ("MEPC 81"), emendi għall-Artikolu V tal-Protokoll I tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) u għall-Anness VI tal-MARPOL dwar fjuwils b'punt ta' fjamabbiltà baxx u kwistjonijiet oħra relatati maż-żejt tal-fjuwil, dwar l-aċċessibbiltà tad-data fil-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI), u dwar l-inklużjoni ta' data dwar ix-xogħol tat-trasport, u dwar livell imtejjeb ta' granularità fid-DCS tal-OMI.
- (3) Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI huwa mistenni li jadotta, matul il-108 sessjoni tiegħu mill-15 ta' Mejju sal-24 ta' Mejju 2024 ("MSC 108"), emendi għall-Kapitoli II-1, II-2 u V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjamabbiltà Baxx (il-"Kodiċi IGF"), għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-"Kodiċi ESP tal-2011"), għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (LSA)(il-"Kodiċi LSA"), għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-"Kodiċi FSS"), u għat-taqsim A-VI/1 tal-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (il-"Kodiċi STCW").

- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni matul l-MEPC 81, billi l-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2015/757¹ u (UE) 2023/1805² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/59/KE³, 2003/87/KE⁴, 2009/16/KE⁵, 2009/18/KE⁶ u (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

-
- ¹ Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).
- ² Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48).
- ³ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).
- ⁴ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
- ⁵ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).
- ⁶ Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114).
- ⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).
- ⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

- (5) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Artikolu V tal-Protokoll I tal-MARPOL, peress illi huwa importanti li tiġi stabbilita sistema unika ta' rapportar għat-telf tal-kontejners fuq il-baħar, sabiex jiġi evitati rekwiżiti ta' sottomissjoni duplikati u biex tiġi evitata l-konfużjoni, li tgħin biex titnaqqas il-probabbiltà li t-telf ta' kontejners ma jiġix irrappurtat.
- (6) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi tal-Anness VI tal-MARPOL dwar fjuwils b'punt ta' fjamjabbiltà baxx u kwistjonijiet oħra relatati maż-żejt tal-fjuwil, minħabba li daww l-emendi ser isolvu r-rekwiżit għall-ittestjar u jinkludu informazzjoni dwar il-punt ta' fjamjabbiltà fin-nota ta' kunsinna tal-bunker għal fjuwils b'punt baxx ta' fjamjabbiltà, li kien inkonsistenti mal-emendi reċenti għall-Kapitolu II-2 ta' SOLAS adottati fil-106 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-emendi għall-Anness VI tal-MARPOL dwar l-aċċessibbiltà tad-data fil-Bażi tad-Data tad-DCS tal-OMI, u dwar l-inklużjoni ta' data dwar ix-xogħol tat-trasport, u dwar livell imtejjeb ta' granularità, fid-DCS tal-OMI, billi daww l-emendi ser jottimizzaw l-użu tad-DCS tal-OMI għall-benefiċċju tat-tfassil tal-politika dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-tbakkir, u huma kompromess bejn aċċess usa' għad-data tad-DCS tal-OMI u l-kontroll tagħha mis-Segretarjat tal-OMI. Minn naħa waħda, daww l-emendi ser jagħtu lill-impriżi ta' konsulenza analitiċi u lill-entitajiet ta' riċerka aċċess għad-data tad-DCS tal-OMI soġġett għall-approvazzjoni tas-Segretarjat tal-OMI u, min-naħa l-oħra, dawn ser jipprovdu l-possibbiltà għal kwalunkwe kumpanija li tiżvela d-data tad-DCS tal-OMI tal-bastimenti tagħha lill-pubbliku ġenerali fuq bażi volontarja.

- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni matul l-MS-C 108, peress li l-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġijiet tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, id-Direttivi 2002/59/KE u 2009/18/KE, u d-Direttivi 2009/45/KE¹⁰, 2014/90/UE¹¹ u (UE) 2022/993¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi tal-Kapitoli II-1, II-2 u V tas-SOLAS, minħabba li dawk l-emendi ser iżidu b'mod sostanzjali s-sikurezza, filwaqt li jiżguraw li l-bastimenti l-ġodda kollha minbarra t-tankers, inklużi l-vapuri tal-passiġġieri, ta' 20 000 tonnellaġġ gross u aktar għandhom tagħmir xieraq għall-irmunkar f'każ ta' emerġenza, kif ukoll għat-titjib b'mod ġenerali tal-istandards tas-sikurezza kontra n-nirien tal-vapuri tal-passiġġieri, inklużi l-vapuri tal-passiġġieri roll-on/roll-off, u s-sikurezza tal-użu tal-fjuwil taż-żejt fil-vapuri tal-passiġġieri. Dawk l-emendi ser jissimplifikaw ukoll l-ipproċessar tar-rapporti dwar it-telf tal-kontejners sabiex jikkonformaw mal-obbligi regolatorji, jipprevedu rekwiżit ta' rapportar mill-Istat tal-bandiera lill-OMI, iżidu s-sikurezza tan-navigazzjoni u jipprevjenu t-tniġġis.
- (9) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kodiċi IGF minħabba li ser itejbu s-sikurezza tal-bastimenti, inklużi l-vapuri tal-passiġġieri, permezz tal-gass naturali bħala fjuwil.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

¹⁰ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

¹¹ Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

¹² Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).

- (10) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kodiċi ESP tal-2011 minħabba li ser jimmodifikaw il-Proċeduri għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' ditta involuta fil-kejl tal-ħxuna tal-istrutturi tal-buq kif previst fl-annessi tal-emendi tal-2019 għall-Kodiċi ESP tal-2011, b'referenza għall-amministrazzjoni aktar milli b'referenza għal organizzazzjoni rikonoxxuta mill-amministrazzjoni. Dan ser jgħin biex tiġi ċċarata l-proċedura.
- (11) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kodiċi LSA, minħabba li dawn ser jippromwovu s-sikurezza marittima billi jirrevedu t-tnaqqis tal-veloċità tal-opri tal-baħar tas-sopravivenza u d-dgħajjes tas-salvataġġ għall-vapuri tal-passiġġieri, billi jiżguraw prestazzjoni xierqa fl-ilma tal-ġkieket tas-salvataġġ għas-sikurezza tal-baħħara, u billi jżidu l-istandards ta' sikurezza tas-sistemi uniċi ta' rilaxx u ta' rbit b'ganċijiet tar-rilaxx fi stat ta' tagħbija billi jneħħu l-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 4.4.7.6.17 tal-Kodiċi LSA.
- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Kodiċi FSS, minħabba li ser jippreżentaw benefiċċji sinifikanti għas-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar billi jsaħħu s-sikurezza kontra n-nirien tal-vapuri tal-passiġġieri, u b'mod partikolari tal-vapuri tal-passiġġieri roll-on/roll-off.
- (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għat-Taqsima A-VI/1 tal-Kodiċi STCW, minħabba li dawn ser jiżguraw post tax-xogħol sikur għall-baħħara billi jinkludu, fit-Taqsima A-VI/1 dwar Rekwiżiti minimi obbligatorji għall-familjarizzazzjoni mas-sikurezza, taħriġ u struzzjoni bażiċi għall-baħħara kollha, kompetenza ġdida biex "Jingħata kontribut għall-prevenzjoni tal-bullying u tal-fastidju, u r-rispons għalihom, inklużi l-attakk sesswali u l-fastidju sesswali".

- (14) L-Unjoni la hija Membru tal-OMI, u lanqas parti kontraenti għall-konvenzjonijiet u l-kodiċijiet rilevanti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MEPC 81 u fl-MSA 108.
- (15) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jkun limitat għall-kontenut tal-emendi proposti, sa fejn ikunu jistgħu jaffettwaw regoli komuni tal-Unjoni u jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma taffettwax id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-81 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi:

- (a) għall-Artikolu V tal-Protokoll I tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL), kif stabbilit fl-Anness tad-dokument MEPC 81/3/1 tal-OMI; u
- (b) għall-Anness VI tal-MARPOL dwar il-fjuwils b'punt ta' fjamabilità baxx u kwistjonijiet oħra relatati maż-żejt tal-fjuwil, dwar l-aċċessibbiltà tad-data fil-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI), u dwar l-inklużjoni ta' data dwar ix-xogħol tat-trasport u dwar livell imtejjeb ta' granularità fid-DCS tal-OMI, fir-rigward tar-Regolamenti 2, 14, 18 u 27, u l-Appendiċi I u IX, kif stabbilit fl-Anness tad-dokument MEPC 81/3/2 tal-OMI.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-108 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi:

- (a) għall-kapitoli II-1, II-2 u V tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, kif stabbilit fl-Annessi 1 u 2 tad-dokument MSC 108/3 tal-OMI;
- (b) għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjamabilità Baxx (il-Kodiċi IGF), kif stabbilit fl-Anness 3 tad-Dokument MSC 108/3 tal-OMI;

- (c) għall-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), kif stabbilit fl-Anness 5 tad-dokument MSC 108/3 tal-OMI;
- (d) għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (LSA), kif stabbilit fl-Anness 6 tad-dokument MSC 108/3 tal-OMI;
- (e) għall-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi tas-Sikurezza kontra n-Nirien (il-Kodiċi FSS) kif stabbilit fl-Anness 7 tad-dokument MSC 108/3 tal-OMI; u,
- (f) għat-taqsim A-VI/1 tal-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (STCW) kif stabbilit fl-Anness tad-dokument MSC 108/3/2 tal-OMI.

Artikolu 3

1. Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni kif stabbilit fl-Artikoli 1 u 2 ikopru l-emendi kkonċernati sa fejn dawk l-emendi jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u sa fejn kapaċi jaffettwaw ir-regoli komuni tal-Unjoni. Dawn għandhom jiġu espressi mill-Istati Membri, li huma lkoll membri tal-OMI, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.
2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2 mingħajr ma tittieħed deċiżjoni ulterjuri min-naħa tal-Kunsill.

Artikolu 4

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati li jagħtu l-kunsens tagħhom li jintrabtu, fl-interess tal-Unjoni, bl-emendi msemija fl-Artikoli 1 u 2, sa fejn daww il-emendi jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
